Head Office
Ex Royal Naval Hospital
Triq Marina
Kalkara KKR1524
Malta

Tel: (+356) 22954000
Fax: (+356) 21222900

Email: info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

**STQARRIJA** **14 ta' Diċembru 2021**

**L-arkeoloġija ta' Għawdex fil-Medjuevu taħt il-lenti f'wirja**

Wirja li tiffoka fuq l-arkeoloġija ta' Għawdex fil-Medjuevu għadha kemm tnediet fis-Sala Romegas fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija fil-Belt Valletta, fejn se ddum miftuħa sa Frar tal-2022.

'Gżira fi Tranżizzjoni – 700 sa 1700AD: L-Arkeoloġija ta' Għawdex fil-Medjuevu' tagħti ħarsa lejn il-wirt medjevali ta' Għawdex minn perspettiva arkeoloġika. Din hija t-tieni wirja fis-sensiela dwar Malta Medjevali, li hija inizjattiva ta' Heritage Malta u tal-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija bl-għan li tkattar l-apprezzament tal-pubbliku lejn il-wirt medjevali ta' pajjiżna. L-ewwel wirja kienet dwar l-arkeoloġija ta' Malta fi Żmien id-Dlam (mis-seklu 9 sas-seklu 10 wara Kristu).

F'kelmtejn waqt l-inawgurazzjoni tal-wirja, José Herrera, il-Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali, qal li għalkemm din il-wirja tiffoka fuq il-perjodu Medjevali, l-erba' aspetti li qed tittratta l-wirja – li kull wieħed minnhom jiffoka fuq lat differenti tal-kultura medjevali – għadhom relevanti llum. Dawn huma l-Kummerċ Marittimu, l-Arti, il-Pajsaġġ Rurali u l-Produzzjoni Artiġjana. B'mod partikolari, il-wirja tipprova twieġeb din il-mistoqsija: Għawdex tal-Medjuevu kien fil-periferija jew kellu rabtiet tajbin mal-pajjiżi ta' madwaru?

Kenneth Gambin, il-Kap tal-Operat ta' Heritage Malta, semma kif din il-wirja hija l-frott ta' kollaborazzjoni mill-qrib bejn tnejn mill-mużewijiet ta' Heritage Malta, jiġifieri l-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija u l-Mużew tal-Arkeoloġija ta' Għawdex. Taw sehem importanti wkoll is-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u l-Kunsill Lokali Ta' Sannat. Flimken mal-wirja ta' pitturi ta' Giorgio Preca li għaddejja bħalissa f'MUŻA, din il-wirja tkompli ssebbaħ l-esperjenza tal-viżitatur fis-siti u l-mużewijiet tal-Belt Valletta, partikolarment fi żmien il-Milied. Heritage Malta qed tippjana li l-wirja tittella' f'Għawdex ukoll is-sena d-dieħla.

Nathaniel Cutajar, Kuratur Prinċipali fil-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija, qal li l-elf sena tal-Medjuevu Għawdxi għadhom misterjużi minn diversi lati. Ma jeżistix tagħrif fiċ-ċert

dwar Għawdex qabel nofs is-seklu 13. Minn hemm 'il quddiem, titfaċċa informazzjoni sporadika iżda din hija limitata biss għal ċerti aspetti tal-ħajja soċjali. Wara l-invażjoni drammatika tal-1551, Għawdex tilef għal dejjem ħafna mill-arkivji medjevali u mill-wirt artistiku tiegħu, bħallikieku elf sena ta' storja tħassru mir-rikordju nazzjonali. L-arkeoloġija għalhekk għandha sehem importanti biex jimtlew partijiet minn dan il-vojt.

Id-dħul għall-wirja hu bla ħlas. Il-viżitaturi jistgħu jixtru librett li ġie ppubblikat fl-okkażjoni ta' din il-wirja.